# MEWT *

"Noħroġ minn dik it-toqba
Barra, fix-xemx sabiħa,
Fuq il-egħlieqi tħaddar,
Fil-ġonna kollha fwiħa:
Hemmekk il-ward iħeġġeġ
B'qalbu miftuħa beraħ....
Oh dak il-għasel safi!
Oh dak il-għasel bnin!...

U hemm, ma' dwar il-ftila
Tixgħel, idur, idur
Ħlewwa ta' farfett ċkejken,
Qisu tal-fidda; jmur
Xibrejn fil-bogħ'd u jarġa'
Lejn dak il-lsien tan-nar
Li jiġbdu lejh bla ħniena
Bħal magħmul ta' saħħar:
Jgħaddi minn ġenb għall-iħor,
Is-sħana tagħmel bih,
Imîl. jinbaram, jaqa...
Iżda jqum minnufih:
Jimxi donnu fis-sakra,
Jitriegħed fuq saqajh,
'mma dlonk taraħ jistaħja,
Ifarfar dawk ġwinħajh
U jarġa' lejn id-dija
Ħafif daqs vleġġa jmur
U bejn xewqan u mbażża'
Ma' l-lsien qarrieqi jdur,
Sa kemm il-ħedla tirbħu,
Ma jafx iżomm il-fuq....
U hemm, fin-nar ta' xewqtu;
Itemm ħajtu maħruq.

**Dun Karm.**

* Darba f'sahra tax-xitwa, staqsejt lil ommi Alla jaħfrilha, x'jgħidulu dak il-farfett ċkejken li naraw xi drabi idur ma' musbieħ jixgħel sakemm jinħaraq fih, u hi qaltli: Jgħidulu "Mewt".

Malajr għaddew bħal żewġ mistoqsijiet minn moħħi: (1) Tgħid ġebbieda tal-kelma ingliża *moth*? (2) Tgħid għaliex dak il-farfett aktarx jispiċċa biex jinħaraq u *jmut*?